VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,921, 14 ta' Diċembru, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 366 tal-2017**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2017 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamlet dan l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2017 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati, u dan l-Ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2018. Titolu u bidu fis-seħħ.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b'€1.75 fil-ġimgħa bħala żjieda għall-għoli tal-ħajja u għandhom jiżdiedu wkoll b'€1.00 fil-ġimgħa bħala suppliment mandatorju: Żjieda għall-għoli tal-ħajja.

Iżda illi il-€1 fil-ġimgħa bħala suppliment mandatorju ma għandux ikun żjieda addizzjonali fil-każ ta' ftehim kollettiv fejn iż-żjieda tal-għoli tal-ħajja hija meqjusa bħala parti miż-żjieda fil-paga maqbula u stabbilita f'dak il-ftehim kollettiv:

Iżda wkoll f'dawk il-każijiet fejn iż-żjieda tal-għoli tal-ħajja għas-sena maqbula f'dak il-ftehim kollettiv hija anqas minn €2.75, għandha tingħata żjieda pro rata tas-suppliment mandatorju biex jintlaħaq l-*aggregate* stabbilit f'dan is-subartikolu.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żjieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, ikkalkulata wara li jiġu inklużi ż-żidiet fil-ġimgħa speċifikati fis-subartikolu (1), jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm ebda kategorija komparabbli ta' impjegati *whole-time* fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żidiet kif speċifikati fis-subartikolu (1).